MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 64/2023

L-Erbgħa, 25 ta' Jannar 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku

Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku

Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier

Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Nicky Saliba –Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini

**64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

64.1 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-Kunsillier Nicky Saliba hu assenti b'apoloġija.

*Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex għal korrettezza ta' l-etika issir minuta silenzju għat-telfa ta' l-ex Sindku Harry Debono.*

**64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

64.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 62/2022-8 u Nru 63/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

64.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

64.2.3 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 62/2002-8 u 63/2022-8, u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

64.3.1 Is-Sindku Dott. Marlene Cini sellmet il-memorja ta' l-ex Sindku Harry Debono u rringrazzjatu tas-servizz tiegħu għar-raħal. Qablu li ssir donazzjoni ta' €100 lil Isqof Giovanni Cefai ghal missjoni fil-Peru' u dan fuq xewqa tal-qraba tal-mibki Harry Debono.

64.3.2 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-iskola Primarja taż-Żebbuġ Asst. Head ġdida, is-Sinjura M. Vella u rringrazzjat lil Asst. Head s-Sur R. Mercieca u awguratlu għal post il-ġdid tiegħu.

64.3.3 Rigward is-sejħa għal librar ġdid. Is-Sindku nfurmat lil membri li ntefgħu 2 applikazzjonijiet fejn kollha kienu eleġibbli. Wara li ġie sottomess ir-rapport tal-bord ta' l-għażla l-membri qablu li

tintgħażel is-Sna. R Kargiosi. Din hi mistenniha tibda fil-bidu ta' Marzu.

64.3.4 Is-Sindku proponiet sabiex il-Karnival ma jsirx għal din is-sena u dan minħabba n-nuqqas ta' cash flow. Qalet li mis-snin passati irrizulta li f'dawn l-ahhar snin sewa l-fuq minn €8,000 u għaldaqstant proponiet li minflok issir ħarġa għal Malta nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar 2023. Il-membri qablu.

64.3.5 Rigward iż-Żebbuġ playing field, is-Sindku nfurmat lil membri li sabiex jinġabru l-flus mill-Planning Authority il-Kunsill għandu bżonn jirranġa xi nuqqasijiet li rriżultaw mill-MCCAA Report. Is-Segretarju Eżekuttiv issottometit kwotazzjoni miġbura sabiex isiru l-*gates* fl-entraturi minħabba s-sigurta tat-tfal. Il-membri qablu li tiġi magħżula l-irħas kwotazzjoni li ser tiswa €2531.10.

64.3.6 Proponiet sabiex jinżabru s-siġar fi Triq il-Knisja u Triq ta' Ċenċ. Il-membri qablu.

64.3.7 Infurmat lill-membri li l-iskeda ta' l-iskart il-ġdida ilha fis-seħħ għal 25 ġurnata. Kompliet tgħid li nġabru wkoll l-iskips tal-borża s-sewda fejn minflok ser jitpoġġew bring-in sites. Qalet ukoll illi saret pressjoni lil Ministeru għal Għawdex sabiex jiġbru ż-żibel li jitħalla fil-kantuniera ta' Marsalforn biss u mhux minn wara l-bibien tan-nies. Wara diskussjoni fit-tul il-membri qablu li tiżdied CCTV fil-parkeġġ tal-Qbajjar Promenade sabiex il-LESA ikunu jistgħu jinfurzaw aktar.

64.3.8 Rigward il-bord ta' Evalwazzjoni għal offerti:
'Works – Roadworks – Triq ta' Tutiet, Ta' Saghtrija u Triq tal-Hluq'
Is-Sindku proponiet li l-membri tal-bord ikun kompost minn William Sultana bħala Chairman, membri Avukat Magrin, Perit Mariella Xuereb u Inġineer Mario Cauchi waqt li Odette Camilleri bħala Segretarja. Qalet ma proponietx lil Perit tal-Kunsill peress li l-Bord ta' Evalwazzjoni għadu ma għalaqx l-evalwazzjoni ta' l-offerta tal-Perit. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li c-Chairman ma għandux ikun dak li jkun ippublika l-offerta. Wara diskussjoni l-membri qablu li minflok Chairman ikun il-Perit Godwin Agius.

'Supply and Installation of Playing Equipment and Safe Surfaces for Qbajjar Promenade – West End including paving and realted works'
Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien diġa ħatar bord fuq din l-offerta pero' kif diġa spjegat ma jistax ikun kompost mill-Perit tal-Kunsill u għalhekk il-membri qablu li l-bord ikun magħmul mill-membri li għadhom kif ġew proposti għal evalwazzjoni l-oħra.

64.3.9 Is-Sindku nfurmat lil membri li ser jerġa jsir it-tqassim tal-borża organika lir-residenti. Se jinħareġ avviż f'dan ir-rigward.

64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

64.4.1 *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

64.4.1.1 Qalet li ġiet infurmata li ser toħroġ skema għal proġetti ħodor fil-lokalita' sabiex il-Kunsill jiċċekja f'dan ir-rigward.

64.4.1.2 Staqsiet f'hiex waslet il-lista' tal-bankini. Ġiet infurmata li ser tiġi ikumbinata l-lista'. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-offerta għal bini ta' bankini huwa magħluq.

64.4.1.3 Proponiet sabiex issir *floodlight* fi Triq il-Plejju kantuniera ma Triq ir-Rabat minħabba d-dlam. Il-membri qablu.

64.4.1.4 Talbet sabiex issir tabella kbira bl-iskeda l-ġdida ta' l-iskart fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq Ulysse. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jġib permess mingħand is-sidien.

64.4.2 *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

64.4.2.1 Qal li l-ħajt li kien waqa' fi Triq Wied l-Infern inbena u ġie tajjeb.

64.4.2.2 Staqsa jekk il-Perit issottomettix is-*survey* li kellu jagħmel ta' Triq il-Ponta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu illi għadu ma bagħtux u diġa għamlitlu tfakkira.

64.4.2.3 Qal li wara li ntbgħatet tifkira lil Gozo LC Works rigward il-bankina fi Triq il-Ponta, l-Kunsill baqa' bla risposta u qal li mhux

ġust peress li l-applikant ikun diġa ħallas għal bankina mal-permessi tal-bini.

64.4.2.4 Rigward talba minn resident sabiex isiru gutters taħt il-bankina fi Pjazza l-Assunta sabiex jitneħħew il-wires tad-dawl minn mal-bini, staqsa jekk il-Kunsill iltaqax mal-Inġineer. Is-Sindku nfurmatu illi wara li kemm hi kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' l-Inġineer ta' l-Enemalta, dan infurmuhom b'xi problemi li jista' jkun hemm sabiex jitneħħew dawn u talab sabiex l-ewwel ssir laqgħa mar-residenti qabel jibdew id-diskussjonijiet. Wara diskussjoni l-membri qablu li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u l-Inġineer ta' l-Enemalta flimkien mar-residenti.

64.4.2.5 Staqsa rigward it-tabella tal-*one way* li kellha titneħħa minn Triq Mons G. De Piro. Is-Sindku nfurmatu li kellha laqgħa mal-Perita ta' Transport Malta pero' kellu jitla' s-surveyer ta' Transport Malta imma kien indispost.

64.4.2.6 Qal li bozza nru 103 fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri kellu jiżdied il-vultaġġ tagħha. Għandha terġa ssir tfakkira lil Kuntrattur.

64.4.2.7 Talab sabiex issir tfakkira lil Gozo LC Works peress li bankina fi Triq Għajn Mhelhel ilha applikata aktar minn 3 snin.

64.4.2.8 Talab sabiex jinħarġu sejħa għall-offerti għal bankini, bini ta' ħitan tas-Sejjiegħ u xogħol ta' makkinarju u taħmil. Is-Sindku qalet li importanti l-Kunsill iżomm mal-budget u mhux jinqabeż il-budget. Il-membri qablu li jinħarġu l-offerti għal bini ta' bankini u bini ta' ħitan tas-sejjiegħ waqt li l-oħra tiġi diskussa aktar il-quddiem ħalli l-Kunsill jara għal liema xogħlijiet u servizzi l-aħjar li toħroġ.

64.4.2.9 Qal li ġie avviċinat minn residenti fi Triq il-Qbajjar rigward il-problema ta' l-ilma. Kompla jgħid li wara li ndaga f'dan ir-rigward irriżulta' li hemm gandott taħt il-bankina fi Triq Barda li għandu bżonn tindifa. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li r-residenta ta' Triq Barda lesta li tagħti aċċess minn ġo tagħha. Is-Sindku nfurmatu illi l-WSC diġa marru fi Triq Barda u għamlu l-ittestjar ta' l-ilma. Il-membri qablu li jekk jirriżulta illi dan il-gandott mhux

privat jiġu mitkelma l-WSC u s-sanita'. Il-Kunsillier Daniel Cordina għandu jagħti d-dettalji ta' din ir-residenta lis-Seg. Eżekuttiv.

64.4.2.10 Staqsa għala din il-burokrazzija kollha fuq ir-railing ta' Triq Santa Marija li ser isir mill-fondi tal-Planning Authority. Is-Sindku nfurmatu illi qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt ma jistax isir.

64.4.2.11 Appella lil Ministeru għal Għawdex għal kisi mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar u talab sabiex issir talba ta' kisi mill-ġdid ta' parti minn Triq Santa Marija fuq l-Otters. Talab sabiex terġa ssir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex qabel is-Sajf tingħata kisja ħafifa minn Marsalforn Hotel sar-roundabout ta' Triq ir-Rabat peress li l-kisi mill-ġdid għandu nformazzjoni li mhux ser isir.

64.4.2.12 Rigward il-bozza fi Triq ta' Milied. Is-Sindku infurmatu illi hi u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' l-Inġineer ta' l-Enemalta fejn issuġġerixxa li jitwaħħlu 3 fanali dekorattivi man-naħħa ta' fejn qed jinbena l-bini l-ġdid sabiex l-wires jgħaddu minn ġol-gutter li ser issir mis-sidien u dan peress li ħadd mir-residenti ma jrid il-bozzoz mal-ħajt tiegħu jew quddiem tiegħu. Il-membri qablu.

64.4.2.13 Rigward Triq il-Ponta fejn għadu jrid isir it-tarmac. Qal li ser jagħti ultimatum biex tinkesa din it-triq u li jekk ix-xogħol ma jibdiex sa' l-aħħar ta' Marzu mill-Ministeru għal Għawdex, għandu jidħol għal dan ix-xogħol il-Kunsill peress li diġa kien hemm qbil li din issir. Is-Sindku qaltlu li l-Kunsill għandu problema ta' cash flow u ma għandux biex iħallas. Is-Sindku kompliet tgħid illi din hija *white road* u mhux kompetenza tal-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tfittex fil-minuti x'deċiżjoni kienet ittieħdet. Il-Kunsillier Cordina qal li din il-materja ser iressaqha f'kull laqgħa tal-Kunsill sa' l-aħħar ta' Marzu.

64.4.2.14 Propona u l-membri qablu sabiex f'għeluq ix-xahar mill-mewt ta' l-ex Sindku Harry Debono issir quddiesa b'sufraġju għal ruħu fil-Knisja taż-Żebbuġ u jiġu nfurmati wkoll l-qraba tiegħu. Qablu wkoll li jsir avviż fuq il-medja soċjali.

64.4.3 *Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

64.4.3.1 Talab sabiex jinqata' l-ħaxix minn fuq il-bankina fi Triq ix-Xagħra. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MGOZ.

64.4.3.2 Informa lil membri li fejn hemm il-hoarding fi Triq Santa Marija huwa perikoluż għal pubbliku u talab sabiex isir ħajt temporanju bil-bricks in-naħħa tas-sies u jingħalaq l-aċċess tat-taraġ lejn il-breakwater. Il-membri qablu.

*Bi qbil fost il-membri għaddew għal item 64.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti peress li l-Kunsillier Baskal Saliba kellu jitlaq.*

64.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 42/2023 għall-perjodu ta' Jannar 2023 li tammonta għal €18,032.17c ġiet approvata u ffirmata.

*Il-Kunsillier Baskal Saliba skuża ruħu u ħareġ mill-kamra fis-6.30 ta' filgħaxija.*

64.5 Financial Statements (Last Quarter)

Ġew preżentati l-*financial Statements* tar-raba' kwart tas-sena. Minħabba l-fatt li l-*accountant* tal-Kunsill kien indispost, saret spjegazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv u dawn ġew approvati.

64.6 Sejħa ġdida għal ħaddiem Klerikali mal-Kunsill

Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri li inbidlu l-policies ta' kif għandhom jiġu ngaġġati ħaddiema mal-Kunsilli u dan skond Cirkulari 11/2022 – Emendi fir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani) Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20. Is-Sindku proponiet li toħroġ sejħa għal Asst. Principal fuq skala 11. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess tad-Dipartiment għal Gvern Lokali u qablu li l-Kunsill għandu fondi biex iħallas is-salarju b'mod indefinit peress li din il-call ser tkun qed tirriplejsja lil ħaddiema li ħarġet bl-eta'.

64.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

64.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li ntbgħatet talba lir-Reġjun t'Għawdex għal għajnuna fl-ispejjes ikkawżati bil-maltemp.

64.7.2 Inġabru 3 kwotazzjonijiet għal xiri ta' track suits għat-team tal-futbol. Intgħazlet l-irħas offerta għal prezz ta' €1755.18 għal 35 tracksuits.

64.7.3 Cirkulari 10/2022- Allokazzjoni Finanzjarja għall-2023. L-allokazzjoni għal Kunsill hi ta' €615,816 u bħala tourism zone ser ningħataw €3,000. Il-membri qablu li t-€3,000 jintużaw għal aktar tindif fl-inħawi ta' Marsalforn.

64.7.4 Is-Seg. Eżekuttiva infurmat lil membri li l-Kunsill rċieva 2 ittri mill-ARPA rigward M413.4 – Investimenti f'Assi Fiżiċi. Dawn ġew moqrija u nnotati.

64.7.5 Is-Sindku għamlet rapport mal-pulizija rigward il-vandaliżmu li sar fil-Qbajjar Promenade nhar it-12 ta' Jannar 2023. Wara diskussjoni s-Sindku nfurmat lil membri li hemm ser ikunu qedgħin jitwaħħlu s-CCTVs mill-Community Police.

64.7.6 Rigward l-Aerobics Sessions, il-membri qablu li dawn isiru.

64.7.7 Rigward Training Courses mill-FITA office għal persuni b'nuqqas ta' dawl. Il-membri qablu li joffru dawn il-korsijiet.

64.7.8 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ser issir il-Gozo Half Marathon nhar it-30 t'April 2023 li ser ikunu qed jgħaddu mill-lokalita'.

64.7.9 Ir-Reġjun Għawdex ħejja xi rapporti rigward Idea Għawdex u Għal Għawdex 8 point plan. Wara diskussjoni l-membri qablu li l-Kunsill jinstalla aktar ħadid fejn jitwaħħlu r-roti.

64.7.10 Talba sabiex l-ewwel bozza fi Triq ix-Xagħra minn naħa tal-Qortin l-bozza tinbidel għal bozza b'dawl orange minflok dawl abjad. Il-membri qablu. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li fil-viċin hemm belvedere isir ftit refurbishment u jitpoġġew ftit bankijiet. Il-membri qablu li jsiru diskussjonijiet mas-Sindku tax-Xagħra f'dan ir-rigward.

64.7.11 Persuna nfurmat lil Kunsill li miċ-ċimiterju taż-Żebbuġ lejn iċ-ċimiterju ta' l-Għasri kien hemm ħajt li nsterqulu l-ġebel. Il-membri qablu li dan isir tal-konkos sabiex ma jerġax jinsteraq.

64.7.12 Cirkulari AKL 2023/8 – International Epilepsy Day sabiex jinxtegħlu binjiet/monumenti b'dawl vjola 11-13 ta' Frar 2023. Il-membri qablu li jinxtegħel il-Kunsill.

64.7.13 Ilment li min Triq Dun Franġisk Stivala qed jitilgħu għal Triq Madonna taċ-Ċiċċri sabiex issir tabella one way peress li l-karozzi qed jitilgħu minn hemm sabiex imorru għal taċ-Ċaqra. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekja eżatt dwar dan l-ilment u jitressaq f'seduta oħra.

64.7.14 Talba sabiex jitnaddfu l-water culverts ta' Triq Santa Marija. Il-membri qablu li dawn jitnaddfu mill-Kunsill.

64.7.15 Ilment li l-ħajt tat-triq fi Triq is-Sellum waqa ġo l-għalqa tiegħu. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li f'dik it-triq jista' jsir proġett sabih billi jsir biċ-ċangatura u railing ta' l-injam. Il-membri qablu li dan il-ħajt għandu jerġa jinbena.

64.7.16 Ilment li waqa ħajt tar-rampa fi Triq il-Knisja. Il-membri qablu li din issir.

64.7.17 Petizzjoni sabiex titranġa u titkabbar triq fl-inħawi Ta' Kuljat. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li fil-leġislatura preċedenti kien ressaqha u anke hemm rapport tal-Perit. Wara diskussjoni l-membri qablu li jekk ikun hemm xi fondi Ewropej, l-Kunsill japplika għat-tranġar ta' din it-triq u se jiddiskuti mal-Perit ir-rapport li kien ġie mħejji.

64.7.18 Talba lil Transport Malta sabiex isir 'keep clear' quddiem entratura ta' għalqa fi Triq ix-Xwejni peress li ma jkunx jista' jidħol minħabba l-karozzi pparkjati. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta.

64.7.19 Is-Sindku nfurmat lil membri li waqa' ħajt tas-sejjiegħ f'Taċ-Ċaqra u ngħalaq l-aċċess. Il-membri qablu li dan għandu jsir.

**64.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu se tiġi aġġornata għal data oħra fi Frar u miftehma bejn il-membri aktar 'l quddiem.

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv